**It-taqlib**

Kollox jgħaddi żmienu
Għażiż ħija nkwetat,
Għad jgħaddu bosta snin
U tintebaħ bl-istat.
Ta' min riedek mgħaffeġ
Kif spiċċa jtir mar-riħ?
Tibżax, Alla semgħek
Tieqafx le temmen fih.

Miskin min qed jaħseb
Li għal hawn se jibqa',
Kollox għad iħalli
X'tiswa' l-id irqieqa?
Min daħħalha f'rasu
Li kollox kif jgħid hu?
Ħija, se tinqaleb
Se jsirlek kollox suf?

U dan biex ma tħarisx
Lejn beraħ is-smewwiet?
Minfejn ġejja l-barka
T'Alla Sid il-barkiet?
Li jrid għal uliedu
l-aqwa, l-isbaħ ħelsien?
Le ħija, xejn ma jgħodd
Għalxejn int hekk ħosbien?

Ħalli 'l ħutek ħielsa
U la tindaħlilhomx,
Kollox għad jispiċċa
Ieqaf! La ddejjaqhomx.
Lilhom jisma' Alla
Għax hu veru Missier,
Se jeħlishom fil-qrib
X'ferħ kbir dan għax sinċier.

Infaħħruk Mulejna
Malajr kollox jinħatt,
Għal uliedek 'mnikkta
Lixxa m'tħallieha 'l ħadd.
Ejjew anġli t'Alla
It-tmiem qiegħed fil-qrib,
Sebħ lilek Mulejja
Fil-grazzja tat-taqlib.

Patri Mario Attard OFM Cap

31 ta’ Lulju 2024

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.